.

**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum It-Tnejn, 21 ta' Marzu, 2016**

Numru 8

**Rikors Nru. 22/2016**

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Gareth Agius u martu Rodianne Agius O'Shea**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta rikorrenti tal-11 ta' Jannar 2016 li jghid hekk:

Illi s-socjeta esponenti kienet ipprezentat ittra ufficjali bil-kambjaIi taht l-artikolu 253 tal-Kap. 12, fl-ismijiet premessi fil-25 ta' Frar, 2008;

Illi kif jirrizulta mill-kopja annessa ta' din l-ittra (Dok. 'A') l-intimati kienu gew debitatament notifikati bl-istess ittra ufficjali fl-14 ta' Marzu, 2008;

Illi sussegwentement is-socjeta esponenti kienet ipprezentat ukoll mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra d-debituri fl-24 ta' Lulju, 2009, li jgib in-numru ta' referenza 1249/2009;

Illi izda sal-lum l-intimati ghadhom debituri tal-esponenti stante Ii l-ammont dovut hekk indikat fl-ittra hawn imsemmija ghadu ma thallasx kollu;

Illi s-socjeta esponenti ghadha dovuta mill-intimati l-bilanc ta' tlett elef tmien mija u ghoxrin ewro u tmien centezmi (€3820.08) u dan oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez Ii huma wkoll dovuti mill-intimati Iis-socjeta esponenti;

Illi peress li ghaddew aktar minn tlett snin mill-gurnata li fiha s-socjeta esponenti kienet f'pozizzjoni li tezegwixxi din l-ittra ufficjali, u kif ukoll stante li hemm bilanc illi ghadu ma thallasx, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez, is-socjeta esponenti qieghda tintavola dan l-umli rikors ai termini tal-artikolu 258(c) tal-Kap.12;

Ghaldaqstant, is-socjeta esponenti umilment titlob ill din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga' jigi rez ezekuttiv sabiex is-socjeta esponenti tkun f'pozizzjoni li tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimati debituri u kull att iehor relevanti, stante l-ammont dovut ghadu ma giex imhallas kollhu, u dan skont dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Billi mil-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fir-rikors hi skond il-ligi;

Tilqa’ t-talba attrici kif dedotta, bl-ispejjez kontra l-intimati.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.

Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur